KunAf

# KUN ĦABIB TA' KULĦADD

L-10 Ħadd ta' Matul is-Sena

## Ġesù jagħżel lil Mattew biex ikun wieħed mid-dixxipli tiegħu

(Mt9, 9-13)

Il-poplu kien kontra dawk il-persuni li kienu jiġbru t-taxxi għar-Rumani għax:

- Għamluhom ir-Rumani u l-flus kienu jeħduhom huma.
- Ir-Rumani kienu jikkmandawhom.
- Kienu jitolbuhom iżjed flus u jżommuhom għalihom.

Ġesù jgħidilhom:
*(ibdel in-numri ma' l-ittri u tkun taf x'qalilhom Ġesù.)*

| r | s | b | ħ | h | w | j | I | k | e | f |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 22 | 18 | 4 | 9 | 12 | 15 | 7 | 1 | 16 | 8 | 17 |

| ż | u | x | m | a | l | ġ | o | i | t | d |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 20 | 11 | 13 | 6 | 3 | 21 | 10 | 19 | 5 | 2 | 14 |

1 2 - 2 3 4 5 4   6 3

7 8 9 2 5 10 11 12 13

14 3 15 16   17 ' 18 3 9 9 5 2 12 19 6 ,

5 20 14 3   21 - 6 19 22 14 3 .

Ġesù kien jilqa' għandu u jkellem lil kulħadd:
il-batuti, il-morda u l-midinbin.

Il-Fariżej irrabbjaw u ħaduha kontra Ġesù għax:

- sejjaħ lil Mattew biex ikun wieħed mid-dixxipli tiegħu, u mar jiekol għandu
- kien wieħed minn dawk li jiġbru t-taxxi għar-Rumani.



Ġesù ma sejjaħx lil Mattew għax kien bniedem popolari u n-nies kienu jħobbuh. Sejjaħlu għax għaraf it-talenti u l-kwalitajiet tiegħu, u ried li jgħinu.

Kif tagħżel lill-ħbieb tiegħek?
Fl-iskola titkellem u tilgħab mat-tfal kollha?
Hemm tfal li ma tkunx trid tilgħab magħhom?
Trid tkun dejjem ma' min hu bravu, tajjeb jew popolari? Għaliex?

Aħseb fi tfal ta' l-età tiegħek li għandhom talenti u kapaċi jagħmlu affarijiet tajba imma mhux kulħadd irid ikun ħabib tagħhom.

Matul din il-ġimgħa tkellem u ilgħab mat-tfal li jkunu waħedhom.